



Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en, de)

7631/19
ADD 2 REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0040(COD)**

**CODEC 702
UD 91**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 biex jittawwal il-perijodu taż-żmien tal-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħrajn minbarra t-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta min-Netherlands u l-Litwanja

In-Netherlands u l-Litwanja jagħrfu l-importanza tal-fajl imsemmi hawn fuq u japprezzaw ferm il-progress li nkiseb matul in-negozjati fuq il-fajl. Madankollu, in-Netherlands u l-Litwanja għadhom imħassba dwar l-iskadenza tal-2022 għall-implimentazzjoni ta' sistemi nazzjonali tal-IT.

It-test ta' kompromess finali li ser jitressaq quddiem il-Coreper fl-14 ta' Frar 2019 għall-konferma bil-ħsieb li jintlaħaq qbil jiddikjara li s-Sistemi TransEwropej jistgħu jintużaw fuq bażi tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2025 filwaqt li sistemi nazzjonali jistgħu jintużaw mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. Għan-Netherlands u l-Litwanja d-distinzjoni bejn is-sistemi TransEwropej u dawk nazzjonali, bi skadenzi differenti applikati, ser iwasslu għal spejjeż żejda mhux meħtieġa għall-awtoritajiet tad-dwana. Peress li s-sistemi nazzjonali huma ferm marbuta mas-Sistemi TransEwropej, il-perijodu tranżizzjonali għas-Sistemi TransEwropej u dawk nazzjonali kellu b'hekk ikun l-istess fit-test finali.

In-Netherlands esprimew it-tħassib tagħhom fuq din il-kwistjoni f' dikjarazzjoni mressqa quddiem il-Coreper u inkluża fil-minuti tiegħu (14 ta' Novembru 2018; il-punt I-27 fuq l-aġenda).

Huwa b'hekk b'dispjaċir li n-Netherlands u l-Litwanja ser ikollhom jastjenu.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, id-Danimarka u Spanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, id-Danimarka u Spanja jagħtu importanza kbira lill-ħidma għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u jirrikonoxxu li kellhom isiru sforzi eċċezzjonalment kbar biex jintlaħaq kompromess. Huwa biss f'dan il-kuntest li jista' jintlaħaq qbil dwar il-proposta. Madankollu, fir-rigward tal-kontenut, it-tħassib li ġie espress ripetutament anke minn Stati Membri oħra, għadu l-istess:

Il-proposta tipprevedi l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2025 għal uħud mis-sistemi żviluppati fl-UE, filwaqt li l-Istati Membri kellhom ilestu s-sistemi nazzjonali tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2022. Huwa ferm probabbli li din id-differenza ser tikkawża spejjeż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet doganali, billi, minħabba r-rabta mill-qrib li hemm bejn is-sistemi tal-UE u dawk nazzjonali, huwa mistenni li jkun hemm diversi adattamenti fis-sistemi nazzjonali. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-validità ta' skadenzi differenti tista' twassal għall-periklu li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istati Membri ma jlestux l-adattamenti fis-sistemi nazzjonali fil-ħin.